MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2011

Avviz Numru. 115/2011

**Kenneth William Donaldson**

**vs**

**Richard Alistair Cranston**

## Il-Qorti:-

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar l-4 t'April 2011 fejn l-attur talab lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' hamest elef mija wiehed u disghin Ewro w tmienja w sittin centesmu (€5,191.68) liema somma giet imhallsa mill-attur ai termini ta' skrittura privata datata (6) t'April tas-sena elfejn u sebgha (2007) (vide l-anness Dok. A) bhala bilanc minn somma akbar dovuta ghat-trasferiment ta' mitejn (200) sehem fis-socjeta' Health Managers (Malta) Limited (C-35429), liema ishma baqghu qatt ma gew trasferiti minnu lill-attur, minkejja li l-attur kien hallas l-ammont fuq indikat entro t-terminu miftiehem, u minkejja li gie nterpellat diversi drabi

sabiex jirrifondi dan l-ammont lura lill-atttur, huwa baqa' inadempjenti.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li hu ngunt minn issa in subizzjoni.

Rat illi l-konvenut kien debitament notifikat skond riferta posittiva tal-Purtier Mark Dimech datata 18 t'April 2011 fejn thalliet kopja tal-avviz fl-indirizz tal-konvenut, kif moghti fir-rikors promotur tas-socjeta attrici (fol. 4 tergo).

Rat illi fis-seduta tat-25 ta' Mejju 2011 il-konvenut gie msejjah izda ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici.

Rat illi l-avukat difensur tal-attur ipprezenta kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut.

Rat illi fis-seduta tas-16 ta' Gunju 2011 l-konvenut ma deherx ghas-subizzjoni tieghu.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma hamest elef mija wiehed u disghin Ewro w tmienja w sittin centezmu (€5,191.68) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors, bl-imghaxijiet legali skond il-ligi.**

**Bl-ispejjez kontra il-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------